**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.**

Appell Nru. 81/2002

Il-Pulizija
(Spettur M. Micallef)

Vs

Clement Azzopardi

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2002

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-10 ta' Frar, 2002 ghall-habta tas-2.15 p.m. fil-Buskett L/O Rabat :

1) hebb u darab lil Anthony Borg u kkagunalu griehi ta' natura hafifa kif iccertifika Dr. J. Schembri M.D. mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta;
2) u aktar talli fl-istess data u hin volontarjament hassar u ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor meta kisser nuccali tal-vista ta' LM 29 ghad-dannu tal-istess Anthony Borg.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 t'April, 2002 li biha wara li rat l-Artikolu 221 (1) u l-Artikolu 325 (d) tal-Kap 9, sabet lill-imputat hati u kkundannatu jhallas LM25 multa fuq l-ewwel (1) imputazzjoni wara li hadet in kunsiderazzjoni c-cirkostanzi provokatorji u n-nuqqas ta' importanza tal-feriti. Dwar it-tieni (2) imputazzjoni billi ma kienx stabbilit l-valur tan-nuccali danneggjat, ikkundannatu ghal LM 10 ammenda.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 t'April 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka id-decizjoni msemmija, u tillibera ghalhekk lill-imputat minn kull piena u imputazzjoni u fin-nuqqas tvarjha fis-sens li tigi inflitta piena anqas severa tenut kont tal-provokazzjoni maghmula mill-imsemmi Anthony Borg.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, jikkonsisti fis-segwenti u cioe' li anki kieku kellha tigi konfermata l-ewwel sentenza , kien hemm element genwin ta' provokazzjoni da parti ta' Anthony Borg li ghandu b'mod qawwi jincidi fuq il-piena fis-sens li tigi attenwata ;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-4 ta' Lulju, 2002 li bih "inter alia" il-Prosekuzzjoni u d-Difiza qablu li l-valur tan-nuccali jeccedi l-valur ta' LM10 izda mhux ta' Lm50 u li l-feriti li sofra Anthony Borg kienu ta' natura hafifa .

Semghet ix-xiehda mill-gdid fil-kors tal-istess seduta ;

Semghet it-trattazzjoni ,

Ikkonsidrat ;

Illi din il-kawza ghandha l-origini taghha f'incident li gara gor-raba qrib il-Gonna tal-Buskett fil-limiti tar-Rabat fl-10 ta' Frar, 2002 ghall-habta tas-2.15 p.m. waqt li Anthony Borg u martu Maria Borg kienu go ghalqa tal-appellant . F'hin minnhom Anthony Borg tbaxxa biex jaqta' jew jigbor frotta li kienet tixbah kabocca u dak il-hin resaq fuqu l-appellant u wara li gie skambjat xi diskors , Borg safa' imwegga' u anki tkissirlu n-nuccali tal-vista.

Illi hemm zewg versjonijiet ta' kif gara l-incident .

Anthony Borg u martu Maria Borg jghidu li kienu l-Buskett u kienu ghaddejjin minn passaggi regolari , umbaghad dahlu go passagg iehor go ghalqa bil-haxix hazin , li deher li ma kienx jinfed u kif ser jergghu lura , Anthony Borg ra speci ta' kabocca qiesha daqs ballun tal-kamoxxa jew ftit aktar u hu staqsa lill-martu : "Mer din Kabocca?" u hi wegbitu : "Staqsi li dan ir-ragel li gej ." Hu dar u staqsa lir-ragel : "Skuzi Mister din kabocca?" u dan kien pront , tah daqqa ta' ponn , meta hu kien ghadu baxxut , kissirlu in-nuccali u qasamlu imniehru . Martu staqsiet lil dan ir-ragel : "Ghaliex qed taghmillu hekk ?" u dan l-appellant wegibha : "Ghax hawn qeghdin fil-proprjeta' tieghi." Meta Maria Borg qaltlu : "Ara x'ghamiltlu , kissirtlu in-nuccali." , l-appellant wegibha : "Dan in-nuccali tieghu ?" u tah daqqa ta' sieq , qabez fuqu, refghu , ghawgu u tefghu qalb il-haxix hazin. L-appellant qallu ukoll "Din biex isservik lezzjoni halli ma tidholx fi hwejjeg in-nies." Meta Maria Borg qaltlu : "Imma m'hawn l-ebda sinjali li jindikaw illi hawnhekk post privat!", l-appellant wegibha : "Ghax xi bhejjem bhalkom qalghu is-sinjal u lilek ma naghmillekx l-istess ghax int mara." Umbaghad l-appellant qabad il-mobile phone u qallu : "Issa jekk jidhirlek xi haga mur irraportani." Umbaghad huma cemplu lill-Pulizija li gew fuq il-post u dawn kellmu lill-appellant . Hu kellu temprin "key chain" f'idejh waqt l-incident ghax kien qed jiekol tuffieha u peress li s-snien ta' quddiem tieghu huma "crowning" ried jaqsamha u jaghmilha f'halqu . Hu cahad li tarlu n-nuccali bil-kabocca , imma qal li qala' daqqa ta' ponn fuq wiccu minnghand l-appellant .

In kontroezami qal "inter alia" li li kieku kien jaf li dak li kellu f'idu kienet kabocca ma kienx isaqsi lill-appellant ghax kienet tant zghira u tant ma kellhiex forma ta' kabocca li hu kien ghadu kif xtara bagoll kabocci mis-suq . Cahad li kien qata' l-kabocca bit-temprin li kellu f'idejh kif gie suggerit lilu .

Il-versjoni tal-appellant hija li hu ghandu ir-raba fil-lok in kwistjoni u ta' sikwiet jidhlulu n-nies u ta' xejn jaghmel xtabi ghax ikissruhomlu u inutili jaghmel tabelli u hu jkollu l-ingenji tar-raba hemm u jkollu joqghod jissorveljhom u sahanasitra dak in-nhar iggieled ma martu biex jaghmel hekk . Il-passagg ma jinfidx hlief ghar-raba tieghu biss . Hu kien qed jghabbi l-ispinaci xi sitt mitt pied boghod minn fejn kienu il-konjugi Borg u hekk kif rah qed ibaxxi ghal gol-kabocci , hu beda jghajjat izda Borg ma tax kaz. Tela' bicca bil-mixi . Rega' ghajjat u Borg rega' ma tax kaz . Meta wasal xi tletin pass boghod minnhom , il-mara indunat . Ir-raba kien ftit traskurat pero' mhux li ma kienx jidher li kien mizrugh bil-kabocci . Il-kabocci kien hawwilhom ghall-habta ta' Novembru u kien fadallu jaqta' xi qatgha jew tnejn kabocci ghax fil-fatt gimgha qabel kien qata' l-kabocci ghall-pitkalija u meta l-prodott jasal fl-ahhar mhux ser toqghod tnehhi l-haxix hazin. Is-Sur Borg kien qieghed baxxut bil-mus f'idejh jaqta' l-kabocca minn maz-zokk . Hu qalilhom : "Hemm x'inthom taghmlu ? Qeghdin go hwejjgi." Meta hu ra li Borg kien baqa' kalm , hu ghalih dak il-hin ipprovokah ghax martu qaltlu : "Jekk qtajnilek il-kabocca, inhallsuk taghha." u Borg kien qallu : "Din kabocca?" Hu hass li Borg ried jitmellah bih u bejn ghax kellu l-guh ghax kienu is-2.30 pm u kien ghadu ma kielx u bejn bid-daqxejn tan-nervi ghax kien iggieled mall-mara , tajjarlu l-kabocca minn idejh lil Borg u accidentalment intlaqat in-nuccali. Dak il-hin mart Borg qaltu : "Hi ghandek id-demm hiereg minn imniehrek ." u Borg dar lejh bil-mus Opinel no. 7 u qallu "Tpattiha. Tpattiha." Il-kabocca kienet ta' daqs normali ghax Borg kien ghazel l-isbah wahda li kien hemm u kienet aktar minn kilo bil-weraq b'kollox. Kienet daqs ballun tal-football u mhux daqs ballun tat-tennis. Ghad-domanda tal-Prosekuzzjoni jekk kienx hass ruhu provokat ghax Borg kien baqa' kalm , l-appellant wiegeb li hass ruhu provokat ghax hass li Borg ipprova jitnellah bl-intelligenza tieghu u jghidlu : "Din kabocca?" Minn Dicembru meta bdew jilhqu l-kabocci sa dak in-nhar tal-incident kienu inqatghulu aktar minn hamsin kabocca , erba, erba ta' kull nhar ta' hadd umbaghad wara dak in-nhar waqaf is-serq tal-kabocci. Hu f'ebda hin ma kien miss idejh fuq Borg u kull ma kien ghamel kien li tajjarlu l-kabocca . Mhux veru li hu gabar in-nuccali ta' Borg u beda jkissru u jaqbizlu fuqu imma kif hu kien rega' lura kien rifes in-nuccali u inqalghet hgiega umbaghad hu kien ta daqqa ta' sieq lin-nuccali u dan mar gol-haxix . Kieku ried Borg seta' fittex u gabar in-nuccali . Hu ma kienx qal lil Borg biex jaghmillu rapport.

Hu l-appellant , Angelo Azzopardi li ra l-incident minn xi 230 pass boghod , xehed li ra lil Borg jipponta idejh pero' minn dik id-distanza ma setax jara x'kellu f'idejh u ra lill-appellant itajjar l-id l-ohra ta' Borg u l-kabocca ttir fl-ajru . Meta umbaghad hu wasal vicin taghhom sema lil mara ta' Borg tghidlu : "Imxi 'l barra. Imxi 'l barra." u lil Anthony Borg jghajjat : "Impattihielek . Impattihielek." Fejn gara l-incident kien hemm il-kabocci

mizrughin b'mod ordinat u l-"sprinklers" . Fuq kull naha tal-moghdija hemm l-eghlieqi taghhom. Dak in-nhar ix-xatba kienet imkissra u kien hemm biss parti zghira minnha imwahhla mall-hajt.

P.S. 692 Carmel Pace spjega ezatt fejn gara l-incident u qal li dan kien f'passagg bejn ghalqa fuq in-naha tal-lemin u ghalqa zghira fuq in-naha tax-xellug. L-ghalqa kienet mizrugha bil-kabocci fuq naha minnhom u l-kabocci kienu qalb il-haxix hazin , pero kienu jidhru mizrughin jew imhawwlin b'mod uniformi . Ma kien hemm xejn x'jindika li dak il-passagg kien privat bhal xi tabella. Il-mus li kellu Borg kien jiffoldja go handle tal-metall u meta jkun hekk folded kien twil xi pulzier u nofs . Hu kien sab il-hgieg tan-nuccali imkisser. Fil-luggage booth tal-car ta' Borg kien hemm prodotti tar-raba izda ma kienx hemm kabocci . L-appellant kien qallu li tajjarlu l-kabocca minn idejh u tajjarlu n-nuccali izda ma semmiex li Borg kien ipprova juza it-temprin jew jippuntah lejn l-appellant .

Fid-dawl ta' dawn il-provi fuq riassunti f'certu dettall minn din il-Qorti , jidher li l-appellant kellu ghalfejn ihossu urtat li l-konjugi Borg jidhlu fir-raba tieghu u di piu' b'kurzita' genwina jew b'intenzjoni ohra, jelevawlu kabocca mill-ghalqa, specjalment meta hu kien ilu jissubixxi serq tal-kabocci ghal certu zmien. Hu fatt pero' li anki kieku fl-ahjar ipotesi ghall-appellant Borg kien verament qed jisraqlu l-kabocca u umbaghad meta rah gej lejh ipprova jaghmilha tal-"hmar biex ma jhallasx dwana" , dan ma kienx jiggustifikah li jaggredixxi lil Borg bil-mod kif ghamel u jew jatih daqqa ta' ponn kif jixhdu l-konjugi Borg jew itajjarlu l-kabocca minn idejh bil-mod vjolenti u aggressiv kif ghamel . Umbaghad anki jekk l-appellant jitwemmen meta xehed li kien tajjarlu n-nuccali u kkagunalu l-ferita meta tajjarlu l-kabocca minn idejh b'daqqa vjolenti , dana xorta wahda jirrispondi ghal tali ferita ghax "dolus indeterminatus , determinatur ab exitu" . Il-fatt li umbaghad , meta n-nuccali waqa' fl-art ,l-appellant ma waqafx hemm imma hass li kellu jatih daqqa ta' sieq u jitfghu gol-haxix hazin, juri li l-appellant tilef il-kontroll tal-emozzjonijiet tieghu b'mod esagerat u oltrepassa l-limiti li wiehed kien jistenna f' tali cirkostanzi . B'dana kollu l-Ewwel Qorti , fis-sentenza appellata gja tat lill-appellant il-beneficcju tal-eccezzjoni tal-provokazzjoni .

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-Ewwel Qorti kienet gustifikata meta fis-sentenza appellata waslet ghall-konkluzzjoni li l-akkuzi kontra l-appellant jirrizultaw sodisfacentement pruvati .Umbaghad dwar il-piena inflitta ,tenut kont ukoll li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata testwalment qieset "c-cirkostanzi provokatorji" meta giet biex tapplika il-piena , hu ovvju li l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti ma tidhirx eccessiva u hija ukoll fil-parametri tal-ligi anki jekk tqis l-eccezzjoni tal-provokazzjoni kontemplati fl-art. 227 (c) u 232 (c) fejn, bil-provokazzjoni b'kollox, l-Ewwel Qorti setghet ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn xahar jew ghall-multa u fil-fatt wahhlitu il-minimu tal-multa fuq l-ewwel akkuza u dwar it-tieni akkuza wahhlitu il-piena tal-ammenda minkejja li quddiem din il-Qorti kien hemm qbil li l-valur tan-nuccali imkisser kien ta' bejn LM10 u LM50 u allura il-piena skond l-art. 325 (c) kellha tkun ta'prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt xhur . Minnflok il-Qorti sabet htija taht l-art. 325 (d) u anki hawn minnflok applikat piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlitt xhur , applikat il-piena tal-kontravvenzjonijiet u ta'ammenda ta' LM10 skond il-proviso ghall-Art. 325 , meta l-hsara tkun skuzabbli minhabba provokazzjoni ingusta . Ghalhekk ma hux il-kaz li din il-Qorti tvarja l-piena inflitta ladarba din hi entro l-parametri tal-ligi anki bl-attenwanti tal-provokazzjoni li l-Ewwel Qorti accettat li ghandha tapplika fis-sentenza appellata kif ukoll ghax din il-piena certament mhux wahda sproporzjonata fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.

Joseph G. Galea Debono .
19.09.02.

Paul Miruzzi
Assistent Registratur